MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-18 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 535/2013

**Xavier Hatherly ID 445993M**

**vs**

**Marika Fsadni f'isimha propria u ghan-nom ta' M. Fsadni & Associates**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ ir-Rikorrent qed jitlob li l-intimat jigi kkundannat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' mitejn u ghoxrin Ewro (€220.00c) ghal xoghol ta' *surveying* f'numru ta' kumpanniji, ghal perijodu bejn l-24 ta' Gunju 2013 u l-20 ta' Lulju 2013, fejn ir-rikorrenti kien beda l-inkarigu moghti lilu izda gie infurmat li kien qed jigi pospost l-imsemmi xoghol li fil-fatt qatt ma tkompla, u dan ghad dannu tar-rikorrenti li ghadu sal-lum ma thallasx kif kien gie miftiehem jew offrut kumpens, u tilef l-opportunita ta' ngagg iehor, kif ser jigi pruvat fil-kors tal-kawza.

**Ra** li fir-RISPOSTA l-Intimata qalet li:-

Ir-rikorrent gie kuntrattat biex jaghmel 20 intervista f'temp ta' 3 gimghat, liema perjodu kellu jigi temporanjament sospiz ghal ghaxart ijiem minhabba esigenzi tax-xoghol mhux fil-kontroll tal-intimata. Meta imbaghad intalab ikompli bl-inkarigu lilu

moghti, r-Rikorrent avvza lill-intimata li kien qed jiehu passi legali kontra taghha minkejja li kien ghadu ma ezegwxxa xejn mill-inkarigu moghti lilu.

Ghalhekk l-intimata avzatu li fin-nuqqas ta' bona fede da parti tieghu, huwa ma kellux ikompli bl-inkarigu moghti. Ir-Rikorrent irrifjuta diversi drabi li jghid x'kien qed jippretendi bhala hlas, u kien biss f'din il-procedura li hareg bic-cifra ta' €220, liema hlas kien ikun dovut kienu huwa ghamel l-ghoxrin intervista. Ghalhekk l-ispejjez ta' dan il-kaz ghandu jissoportahom kollha r-Rikorrent.

## II PROVI

1. Dawn li gejjin huma biss siltiet mill-provi u jridu u qed jitqiesu fuq sfond u ma dak kollu li hemm fil-process.

2. Hatherley Xavier, Rikorrent, qal li hu kien iltaqa ma Anna Debono fl-24 ta' Gunju wara li qabel kien baghat CV tieghu. Kien xoghol ta' *survey* ta' klijenti mressqa mill-Intimati u ohrajn tal-mestier isibhom hu. Kellu jaghmel 20 *survey*, €11-il wiehed. Hu beda jaghmel il-kuntatti mehtiega. Ir-risposta biex jibdew is-*surveys* kienet fil-15 ta' Lulju. Xi tlett ijiem wara Anna Debono cemplitlu biex tissospendi l-inkarigu bi tlett ijiem ghax riedu jaghmlu xi arrangement ohra. Kellha ttieh risposta xi tlett ijiem wara u din ma gietx. Fil-frattemp hu kien m'accettax xoghol iehor ghax ried jikkoncentra fuq ix-xoghol tal-Intimati. Fic-cirkostanzi hu talab kumpens ghall-hin li kien ddedika fuq l-inkarigu msemmi. Fir-rigward esibixxa d-Dok XI 1-8.

3. Marika Fsadni qalet li fil-kumpanija hemm hi u Anna Debono, assistenta. Jimpjegaw *casual field researchers*. Spjegat l-inkargiu moghti lir-Rikorent u l-hlas relativ u semmiet ic-cirkostanzi li wasslu ghas-sospensjoni tal-inkarigu u ghad-dettalji wiehed ghandu jara x-xhieda taghha *a fol* 57-60.

4. Anna Debono qalet li tahdem ma Marika Fsadni. Ir-Rikorrent kellu jaghmel xi intervisti li, m'ghamilx. Kellhom ikunu 20 u minnhom ma sar xejn. Meta gie bil-kwestjonarji mhux mimlijin, staqsietu kellux jiehu xihaga u qal le. Insistiet li qalilha hekk.

5. In kontro-ezami qalet li kienet hi li qalet lir-Rikorrent ma jkomplix bl-inkariku ghax il-klijent taghhom kien ser ibiddel il-kwestjonarju.

## III KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL qed iqis u jaghrbel kollox mhux l-inqas fid-dawl tal-fatt li, kif presedut, sama xiehda *viva voce* u osserva kollox.

2. Fic-cirkostanzi t-TRIBUNAL jara li t-Talba Attrici hi gustifikata anke bhala "quantum" arrotondat ghal €50.00.

## DECIZJONI

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (a) **<u>jilqa</u>** t-Talba tar-Rikorrent, fil-*quantum* ta' hamsin Ewro (€50), (b) **<u>jichad</u>** l-eccezzjonijiet tal-Intimati hlief dwar temperament fil-*capo spese* (c) **<u>jikkundanna</u>** lill-Intimati biex ihallsu lir-Rikorrent il-*quantum* ta' €50.00 fi zmien ghaxart ijiem mil-lum u jekk dan ma jsirx jibda ghaddej l-imghax mil-lum stess sal-jum tal-pagament effettiv u (d) **<u>jiddeciedi</u>** li, fic-cirkostanzi l-kawza tibqa bla taxxa ta' spejjes bejn il-kontendenti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------